MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru. 805/2005

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
JULIAN XUEREB

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Julian Xuereb, ta’ 38 sena, bin John u Esther nee’ Grech, imwieled Pieta’ fl-20 t’Ottubru 1966 u residenti fil-fond Numru 24, Triq id-Duluri, Pieta’, jew Numru 7, Triq Bice Mizzi Vassallo, Santa Lucija, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 453366(M), u akkuzat talli nhar it-23 t’April 2005, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti, skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli,

dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom, u udan bil-ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fix-xhur ta' qabel it-23 t'April 2005, saq vettura ta' l-ghamla Isuzu, mudel KBD 25 DCAB, bin-numru tar-registrazzjoni BBA 589, minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, u b'hekk ma kinitx assigurata kontra t-terzi persuni ma' kumpanija ta' l-assigurazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (dokument JB a fol 14), u tal-imputat (a fol 19) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-rigward ta' l-ewwel akkuza u l-ewwel parti tat-tieni akkuza (ara fol 31).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tal-25 ta' Gunju 2007, fejn irtirat it-tieni parti tat-tieni akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza u l-ewwel parti tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikoli 183 u 15(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkudanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, tikkundannah ihallas multa ta' mitejn Lira Maltin (Lm200) li ghandha tithallas b'rati mensili fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza. Di piu', din il-Qorti tissospendih mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------